# Lejn Edukazzjoni
# ta' Kwalità
# għal Kulħadd

## Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali
## 2011

## Dokument Konsultattiv 1
## Sommarju Eżekuttiv

**Il-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kurrikulu:**
Grima Grace (Chairperson), Bezzina Christopher, Camilleri Raymond J. Caruana Horace, Fr Cilia David, Fr Mallia Charles, Micallef Joseph, Mizzi Bernie, Pace Paul, Sollars Valerie, Spiteri Sandro, Testa Mario and Ventura Frank

**Ir-Rappreżentanti tal-Ministeru:**
Birmingham Elaine (Phase I) and Bezzina Doriana (Phase II)

**Il-Grupp tal-Istrateġija tal-Konsultazzjoni:**
Grima Grace (Chairperson), Cachia Stephen, Fr Cilia David, Fr Mallia Charles, Pace Paul, Sciberras Micheline and Sollars Valerie

Mitbuħ: Salesian Press - www.salesianpress.com

www.meef.gov.mt

ISBN NO: 978-99957-0-035-5

# Werrej


**Dokument 1: Sommarju Eżekuttiv** **9**

Il-Proċess tal-Konsiderazzjoni mill-ġdid tal-Kurrikulu 9

**Dokument 2: L-NCF – Ir-Raġuni Fundamentali u l-Komponenti** **11**

L-Isfond 11

Ir-Raġuni Fundamentali 11

It-Twemmin Ewlieni tal-NCF 12

Il-Komponenti tal-NCF 13

Il-Prinċipji Ġenerali 13

L-Għanijiet tal-Edukazzjoni 13

L-Oqsma tat-Tagħlim 14

Il-Pedagoġija, il-Prattika u l-Evalwazzjoni 14

L-Assessjar u l-Evalwazzjoni 17

L-Involviment tal-Ġenituri u tal-Komunità 19

L-Istrutturi ta' Appoġġ 20

**Dokument 3: L-NCF fil-Prattika – It-Tliet Ċikli: Is-Snin Bikrin, il-Primarja u s-Sekondarja** **23**

Is-Snin Bikrin 23

Is-Snin tal-Primarja 24

Is-Snin tas-Sekondarja 26

**Dokument 4: L-NCF – It-Triq 'il Quddiem** **29**

Il-Konsultazzjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali 29

# Messaġġ

**Hon. Dolores Cristina**
Ministru

Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol
u l-Familja



Il-kunċett li l-pajjiż ikollu Kurrikulu Minimu Nazzjonali li jiggarantixxi li t-tfal kollha jkollhom livell bażiku ta' tagħlim kien introdott permezz tal-Att dwar l-Edukazzjoni tal-1988.

Ħdax-il sena wara kien ippubblikat l-ewwel Kurrikulu Nazzjonali intitolat *Inwelldu l-ġejjieni Flimkien*. Dan kien jinkludi miri u għanijiet li għadhom jispiraw id-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-qasam edukattiv sal-lum. Il-ħsieb bażiku kien iffukat fuq l-iżvilupp ħolistiku tal-istudent, billi jinkoraġixxi u jappoġġja d-deċiżjonijiet tal-edukaturi biex jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità.

Wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-kurrikulu fl-1999, bdiet serje ta' diskussjonijiet u analiżi dwar oqsma kruċjali li kienu jippreżentaw sfidi li kien hemm bżonn ikunu indirizzati. Dawn kienu jinkludu l-Edukazzjoni Inklużiva (2005), l-Edukazzjoni fi Skejjel Speċjali (2005), l-Assenteiżmu (2005), L-Edukazzjoni u l-Kura minn Età Bikrija (2006), il-Gwida tal-Karrieri (2007), it-Transizzjoni mill-Primarja għas-Sekondarja (2007), l-Istrateġija tal-*eLearning* 2008-2010, l-Edukazzjoni Fiżika (NAO, 2010).

Wara għaxar snin oħra nħasset il-ħtieġa li neżaminaw dak li akkwistajna, naraw fejn wasalna u, fid-dawl tal-bidliet kbar fis-soċjetà tagħna u madwarna, nirrevedu l-ħsieb tagħna dwar l-edukazzjoni biex nassiguraw li t-tfal kollha jirnexxu. Dan se jkun l-ewwel kurrikulu minn meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea u allura kienu kkonsidrati dokumenti tal-Unjoni Ewropea marbuta ma' dan il-qasam.

L-impjegabbiltà, il-kwalita tal-ħajja u t-tagħlim tul il-ħajja huma fil-qalba ta' dan l-abbozz ta' Kurrikulu Nazzjonali li għandu l-iskop li jagħti lit-tfal u ż-żgħażagħ il-kompetenzi ewlenin meħtieġa biex jiffaċċjaw l-isfidi li s-suq tax-xogħol se joffri fil-futur.

Fi żmien meta Malta ħierġa minn kriżi ekonomika li laqtet l-Ewropa u d-dinja kollha u fil-kuntest tal-bidliet demografiċi u l-koeżjoni soċjali, dan il-qafas tal-Kurrikulu għandu jassigura li l-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom tul il-ħajja u jassiguraw l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u jpoġġu l-pedamenti għal soċjeta' bbażata fuq l-għerf.

Il-mira tal-Gvern hi li t-tfal kollha qabel itemmu l-edukazzjoni obbligatorja jkunu kisbu l-ħiliet u l-kwalifiċi meħtieġa fi skejjel li joffru ambjent attraenti għat-tagħlim. Grazzi għall-investiment qawwi fit-teknoloġija tal-informatika u fis-servizz għall-istudenti li qed nintroduċu fil-kulleġġi kollha, din ir-reviżjoni tal-Qafas Kurrikulari għandha tibdel l-istrutturi fiżiċi eżistenti f'opportunitajiet għal żvilupp personali u soċjali, inaqqas in-numru ta' dawk li jitilqu

mill-edukazzjoni kmieni, iżomm aktar nies fl-edukazzjoni formali għall-itwal żmien possibbli, u jagħti kreditu lit-tagħlim informali u mhux formali. Bl-iżvilupp tal-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki li hu marbut mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, il-Kurrikulu Nazzjonali għandu jiffaċilita' l-aċċess għall-edukazzjoni ogħla, l-iżvilupp professjonali kontinwu u t-tagħlim għall-adulti.

Nittama li jkollna proċess intensiv u komprensiv ta' konsultazzjoni li jkun karaterizzat minn dibattitu san bil-parteċipazzjoni ta' dawk kollha interessati li juri t-triq fejn irrid nieħdu l-edukazzjoni obbligatorja u x'deċiżjonijiet iridu jittieħdu biex naslu hemm u nassiguraw li t-tfal kollha jirċievu edukazzjoni ta' kwalità, kif jixirqilhom, biex jirnexxu lkoll.

**Dolores Cristina**

# Messaġġ



**Prof. Grace Grima**
Direttur Ġenerali

Direttorat għal Kwalità
u Standards fl-Edukazzjoni

Din ir-reviżjoni tal-kurrikulu toħroġ minn Parti II tal-Att tal-2006 dwar l-Edukazzjoni (Emendi) li tqiegħed il-piż fuq id-Direttorat għal Kwalità u Standards għall-aġġornament tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali, l-implimentazzjoni tiegħu kif ukoll għar-reviżjoni tal-proċess ta' implimentazzjoni f'intervalli regolari. Il-proċess tar-reviżjoni u l-aġġornament tal-Kurrikulu Nazzjonali inkluda rappreżentanti mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Fakulta tal-Edukazzjoni, il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC, u l-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti. L-abbozz tad-dokument kien raffinat wara r-reazzjoni li daħlet wara stedina minn esperti tal-kurrikulu mill-Ministeru tal-Edukazzjoni fi New Zealand u Learning and Teaching Scotland. Dan l-abbozz tad-dokument qed ikun ippreżentat għal proċess ta' konsultazzjoni nazzjonali li warajha jkun irfinat, finalizzat u adottat bħala l-qafas tal-kurrikulu nazzjonali.

L-abbozz tal-qafas tal-kurrikulu huwa ppreżentat f'sett ta' erba' dokumenti konsultattivi, jiġifieri:

***Dokument 1:*** ***Sommarju Eżekuttiv***

***Dokument 2:*** ***Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali – Ir-Raġuni Fundamentali u l-Komponenti***
Dan id-dokument jinkludi introduzzjoni dettaljata għall-isfond teoretiku li ispira l-kunċett tal-proposti tal-qafas tal-kurrikulu nazzjonali.

***Dokument 3:*** ***Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali - It-Tliet Ċikli: is-Snin Bikrin, is-Snin tal-Primarja u s-Snin tas-Sekondarja***
Dan id-dokument jippreżenta dettalji ta' kif il-qafas tal-kurrikulu nazzjonali qed jipproġetta l-programm tat-tagħlim li se jkun offrut lit-tfal u liż-żgħażagħ fis-Snin Bikrin, is-Snin tal-Primarja u s-Snin tas-Sekondarja. Dan id-dokument jiffoka fuq l-applikazzjoni tal-qafas fl-iskejjel u l-kulleġġi.

***Dokument 4:*** ***Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali – It-Triq 'il Quddiem***

Dan id-dokument jiġbor fil-qosor ir-rakkomandazzjonijiet tal-qafas tal-kurrikulu nazzjonali u jeżamina l-implikazzjonijiet ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Dan id-dokument jippreżenta ideat dwar l-immaniġġjar tal-bidla li hu l-fus li fuqu jduru l-istrateġiji ta' konsultazzjoni u implimentazzjoni li qed jippromwovi dan il-qafas. L-istrateġiji ta' konsultazzjoni u implimentazzjoni ppreżentati huma msejsa fuq għarfien tal-proċess tal-immaniġġjar tal-bidla.

Fil-qosor il-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali jippromwovi:

- l-iżvilupp ta' studenti li jitgħallmu tul il-ħajja u li huma ċittadini impenjati, responsabbli u attivi fl-ekonomija.
- l-appoġġ lill-istudenti kollha biex jilħqu u jirnexxu, huma x'inhuma soċjali u familjari, il-bżonnijiet u l-attitudnijiet tagħhom.
- mira ċara fil-kulleġġi u l-iskejjel biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti kollha permezz ta' iktar awtonomija fil-kurrikulu.

- l-ħolqien ta' komunitajiet ta' tagħlim li jkunu attivi u inklużivi, u li jpoġġu t-tagħlim u lill-istudenti fil-qofol ta' dak kollu li jagħmlu u li jagħtu rendikont ta' dak li jagħmlu lill-imsieħba tagħhom.
- progressjoni bla skossi matul is-snin bikrin, il-primarja u s-sekondarja fil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tagħlim tul il-ħajja.
- tagħlim li huwa attiv, personalizzat, relevanti u bi skop.
- tagħlim li jenfasizza l-applikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet f'kuntesti u ambjenti differenti kif ukoll il-wesgħa tal-għarfien u l-profondità tal-fehim.
- qafas tal-kurrikulu li jiffoka fuq oqsma tat-tagħlim, li joħloq rabtiet u sinerġiji bejn is-suġġetti tradizzjonali.
- assessjar u evalwazzjoni li jużaw l-informazzjoni u r-rispons b'mod formattiv biex jinformaw l-ippjanar għat-titjib.
- ċikli ta' assigurazzjoni tal-kwalità u evalwazzjoni li jirrikonoxxu li l-iżvilupp professjonali dejjem għaddej huwa parti essenzjali tal-prattika edukattiva.

Il-proċess ta' konsultazzjoni huwa kruċjali għas-suċċess tal-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali. L-istrateġija ta' konsultazzjoni ppreżentata f'Dokument 4 kienet imfassla bil-għan li tinkoraġġixxi diskussjoni u dibattitu li jħeġġeġ lill-imsieħba kollha biex iqisu d-dokument b'mod pożittiv u jipparteċipaw b'mod attiv fil-formulazzjoni tal-verżjoni finali.

Il-proċess innifsu tal-konsultazzjoni huwa maqsum fi tliet fażijiet:

- **Fażi 1: Riflessjoni *għall*-Azzjoni Mejju 2011 sa Awwissu 2011**
  Din il-fażi se sservi biex tippreżenta il-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali u tipprepara lill-imsieħba differenti għall-proċess ta' konsultazzjoni. Il-laqgħat mal-imsieħba se jservu biex jenfasizzaw (i) ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali; (ii) l-implikazzjonijiet li jqumu għall-imsieħba differenti kif previst mill-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali; u (iii) ir-rwol tal-imsieħba fil-proċess ta' konsultazzjoni kemm fil-livell tal-kontribuzzjoni tagħhom għall-proċess u r-rwol tagħhom li jiġbru r-reazzjonijiet u r-risponsi tal-komunitajiet tat-tagħlim li huma responsabbli għalihom. Barra minn hekk, din il-fażi tippermetti lill-parteċipanti kollha l-ħin biżżejjed biex jaqraw id-dokumenti b'reqqa u jikkunsidraw bi ftit dettall il-kontenut u l-implikazzjonijiet tagħhom.
- **Fażi 2: Riflessjoni *fl*-Azzjoni minn Settembru 2011 sa Novembru 2011**
  Din il-fażi se tipprovdi lill-imsieħba b'opportunitajiet biex jaqsmu u jikkonsolidaw l-ideat tagħhom fi ħdejn u bejn l-istituzzjonijiet differenti. L-għan ta' din il-fażi huwa li tistieden u tinkoraġġixxi lill-imsieħba biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-bini ta' diskussjoni u dibattitu riflettiv professjonali nazzjonali dwar il-proposti ta' qafas aġġornat ta' kurrikulu nazzjonali, u għalhekk jagħtu l-bidu għal proċess ta' skambju kritiku u kostruttiv ta' reazzjonijiet bi preparazzjoni għall-verżjoni finali tal-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali.
- **Fażi 3: Riflessjoni *fuq* l-Azzjoni minn Novembru 2011 sa Diċembru 2011**
  Din il-fażi se tiġbor flimkien lill-imsieħba kollha u r-reazzjonijiet offruti mill-istituzzjonijiet varji. Il-punti ewlenin ta' din il-fażi jinkludu konferenza nazzjonali ta' jumejn u s-sottomissjoni ta' reazzjonijiet bil-miktub. Hekk kif il-grupp ta' ħidma jirrevedi l-NCF propost fid-dawl tar-reazzjonijiet irċevuti, il-grupp ta' ħidma se jissottometti d-dokument finali tal-NCF lill-Ministru għall-approvazzjoni.

Nistieden lill-edukaturi, ġenituri, studenti u msieħba soċjali biex jipparteċipaw b'mod attiv f'dan il-proċess ta' konsultazzjoni biex id-dokument finali approvat ikun espressjoni vera tat-tamiet u l-aspirazzjonijiet tagħna li nipprovdu edukazzjoni relevanti ta' kwalità għal uliedna li tilħaq il-ħtiġijiet preżenti u futuri ta' pajjiżna.

**Grace Grima**

# Dokument 1: Sommarju Eżekuttiv

## Il-Proċess tal-Konsiderazzjoni mill-ġdid tal-Kurrikulu

Din il-konsiderazzjoni mill-ġdid tal-kurrikulu toħroġ minn Parti II tal-Att tal-2006 dwar l-Edukazzjoni (Emendi) li tiffoka fuq il-kostituzzjoni u l-funzjonijiet tad-Direttorati tal-Edukazzjoni. Essenzjalment tqiegħed il-piż fuq id-Direttorat għal Kwalità u Standards għal:

- l-aġġornament tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF);
- l-implimentazzjoni tiegħu (filwaqt li jitqiesu kwistjonijiet bħat-tfassil ta' sillabi, l-assessjar u l-ħtiġijiet ta' taħriġ);
- mekkaniżmi ta' assikurazzjoni ta' kwalità; u
- konsiderazzjoni mill-ġdid f'intervalli regolari tal-proċess ta' implimentazzjoni.

Il-proċess tal-konsiderazzjoni mill-ġdid u aġġornament tal-Kurrikulu Nazzjonali tnieda f'Marzu 2008 u tlesta f'Lulju 2010. Dan kien jinkludi rappreżentanti mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Fakultà tal-Edukazzjoni, il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC, u l-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti. L-abbozz tad-dokument kien irfinut wara r-reazzjoni li daħlet wara stedina li saret lill-Ministeru tal-Edukazzjoni fi New Zealand u Learning and Teaching Scotland. L-abbozz tad-dokument tal-NCF se jkun ippreżentat f'April 2011 biex isir proċess ta' konsultazzjoni nazzjonali li warajha jkun irfinut, finalizzat u adottat bħala l-NCF.

Il-qafas tal-abbozz tal-kurrikulu hu ppreżentat f'sett ta' erba' dokumenti konsultattivi, jiġifieri:

***Dokument 1: Sommarju Eżekuttiv***

***Dokument 2: Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali – Ir-Raġuni Fundamentali u l-Komponenti*** jinkludi introduzzjoni dettaljata għall-isfond teoretiku li ispira l-kunċett tal-proposti tal-NCF. L-ewwel taqsima tikkonkludi b'sommarju tat-twemmin ewlieni tal-NCF li jiġbor fil-qosor il-bidliet u sfidi ewlenin previsti mill-qafas. It-tieni taqsima tippreżenta l-għanijiet u l-prinċipji ġenerali li fuqhom hu żviluppat l-NCF, u li jistgħu jinkisbu u jkunu realizzati permezz tal-oqsma tat-tagħlim u t-temi interkurrikulari proposti. It-tielet taqsima tistieden lill-qarrej biex jirrifletti fuq l-implikazzjonijiet li l-organizzazzjoni proposta tal-oqsma tat-tagħlim kurrikulari għandha għal proċeduri effettivi ta' pedagoġija, prattika u evalwazzjoni.

***Dokument 3: Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali fil-Prattika – It-Tliet Ċikli: is-Snin Bikrin, is-Snin tal-Primarja u s-Snin tas-Sekondarja*** jippreżenta dettalji ta' kif l-NCF jipproġetta l-programm ta' tagħlim li se jkun offrut lit-tfal u liż-żgħażagħ fit-tliet ċikli. Dan id-dokument jiffoka fuq l-applikazzjoni tal-NCF fl-iskejjel u fil-kulleġġi.

***Dokument 4: Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali – It-Triq 'il Quddiem*** jiġbor fil-qosor ir-rakkomandazzjonijiet li qed ikunu proposti fl-NCF u jeżamina l-implikazzjonijiet ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Id-dokument jippreżenta ideat fuq l-immaniġġjar tal-bidliet li hu l-fus li fuqu jduru l-istrateġiji ta' konsultazzjoni u implimentazzjoni li l-NCF jixtieq jippromwovi. Min-naħa tagħhom, l-istrateġiji ta' konsultazzjoni u implimentazzjoni ppreżentati huma msejsa fuq għarfien tal-proċess ta' mmaniġġjar tal-bidla.

# Dokument 2:
# L-NCF – Ir-Raġuni Fundamentali u l-Komponenti

## L-Isfond

Dan id-dokument jibni fuq il-prinċipji ta' dritt għal edukazzjoni u għal edukazzjoni ta' kwalità li kienu enfasizzati fid-dokumenti *Tomorrow's Schools* (1995) u *Creating the Future Together* (1999). Bħal dokumenti preċedenti, hu jindirizza l-iżvilupp ħolistiku ta' dawk kollha li qed jitgħallmu u jitlob edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd. Hu jipprovdi viżjoni għat-tul għad-dritt għall-edukazzjoni ta' dawk kollha li qed jitgħallmu fl-edukazzjoni ta' qabel l-iskola u f'dik obbligatorja f'Malta u Għawdex fl-ambitu ta' perspettiva usa' ta' tagħlim tul il-ħajja.

It-trasferiment tar-responsabbiltajiet lejn l-iskola kien propost f'*Tomorrow's Schools* (1995) u fi *Creating the Future Together* (1999). Fil-*For All Children to Succeed – A New Network Organisation for Quality Education in Malta* (2005) il-kunċett ta' deċentralizzazzjoni kien implimentat permezz tal-kunċett ta' netwerking ta' skejjel. Dan il-proċess qed jevolvi wara li twaqqfu l-kulleġġi tal-Istat sostnuti mill-mekkaniżmu legali ta' Parti V tal-Att tal-2006 dwar l-Edukazzjoni (Emendi).

F'dan l-isfond, l-NCF propost jippermetti l-flessibbiltà li fil-qies tagħha l-kulleġġi u l-iskejjel jiddeterminaw aspetti partikolari tal-kurrikulu biex jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi u jibnu fuq saħħiet fil-kuntest tal-komunitajiet tat-tagħlim tagħhom, u hekk jikkontribwixxu u jrawmu l-identità tagħhom. Kull fejn hu possibbli, il-kunċett tal-flessibbiltà hu promoss matul il-qafas kollu.

L-NCF propost hu influwenzat ukoll minn dokumenti oħra li kienu kkunsidrati mill-ġdid u li tlestew mill-2000 'l hawn. Dan hu wkoll l-ewwel qafas ta' kurrikulu li kien adottat minn meta Malta daħlet fl-UE fl-2004, u għalhekk ikkunsidra dokumenti importanti relatati mal-politika maħruġin mill-Kummissjoni Ewropea.

## Ir-Raġuni Fundamentali

Fl-isfond tal-iżvilupp storiku tagħna, u fuq il-bażi tad-direttivi lokali u tal-UE, l-NCF propost ifittex li jagħti direzzjoni strateġika billi jirrazzjonalizza l-bidliet neċessarji u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-kontenut ta' oqsma/suġġetti, pedagoġiji u assessjar. L-NCF hu ppreżentat fl-ambitu ta' perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja u jiċċelebra d-diversità billi jaħseb għal dawk kollha li qed jitgħallmu f'kull stadju tal-edukazzjoni tagħhom. Hu jittratta bl-istess importanza l-edukazzjoni fis-Snin Bikrin, fil-Primarja u fis-Sekondarja. L-NCF ifittex li jippreżenta kurrikulu komplet li jirrifletti transizzjonijiet bla skossi, u li jibni u jestendi fuq is-sisien sodi fl-edukazzjoni fit-tfulija bikrija. Essenzjalment, l-NCF għandu l-għan li jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità għal dawk kollha li qed jitgħallmu, u hekk inaqqas il-perċentwali ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni u jżid id-dħul tagħhom fl-edukazzjoni ogħla, kemm dik post-sekondarja kif ukoll terzjarja.

## It-Twemmin Ewlieni tal-NCF

L-NCF jassumi:

- bidla paradigmatika minn kurrikulu preskrittiv lejn qafas li jippermetti ċertu ammont ta' flessibbiltà interna;
- ċaqliq minn suġġetti meqjusin għal rashom għal oqsma tat-tagħlim, li l-istudenti[1] kollha għandhom dritt għalihom;
- l-iżvilupp kontinwu ta' kull min hu involut fit-tagħlim, u appoġġ kostanti li jgħinhom jinterpretaw il-qafas u jadattawh biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' dawk kollha li huma jkunu qed jgħallmu; u
- li dawk kollha involuti fis-setturi tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti jerfgħu r-responsabbiltà tal-bidliet proposti.

Għaldaqstant l-NCF jippromwovi:

- mira ċara li titjieb il-kwalità tal-edukazzjoni u jogħla l-livell ta' kisbiet edukattivi li jilħqu l-istudenti;
- li l-imsieħba jkuni lesti li ma jibqgħux jużaw strutturi u prattiki kurrikulari tradizzjonali li jistgħu jirrestrinġu t-tagħlim;
- linji gwida li jippermettu ċertu ammont ta' għażla addattata għall-interessi u ħiliet individwali ta' dawk li jkunu jitgħallmu fl-ambitu ta' parametri aċċettati fuq bażi nazzjonali;
- programmi ta' tagħlim flessibbli li jipprovdu esperjenzi ta' tagħlim diversi li jaqdu firxa wiesgħa ta' dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu;
- programmi ta' tagħlim li jiffukaw fuq fehim u jenfasizzaw il-proċess tat-tagħlim aktar milli s-sempliċi akkwist ta' kontenut;
- programmi ta' tagħlim li jagħtu lill-għalliema s-setgħa li jimplimentaw strateġiji innovattivi ta' tagħlim, speċjalment bis-saħħa tal-użu tal-*eLearning*;
- ċaqliq minn sistema ta' tagħlim i*bbażata esklussivament* fuq is-suġġetti tradizzjonali u li tiffavorixxi frammentazzjoni u kompartimentalizzazzjoni tat-tagħlim, għal sistema aktar interkurrikulari, tematika, interdixxiplinari u kollaborativa li tirrifletti sitwazzjonijiet reali fil-ħajja u tinkoraġġixxi t-trasferiment ta' ħiliet minn qasam għal ieħor ta' tagħlim;
- politika ta' evalwazzjoni li tassessja u tkejjel kemm il-proċessi u kemm il-prodotti tat-tagħlim;
- edukazzjoni inizjali tal-għalliema u opportunitajiet ulterjuri għal taħriġ u appoġġ fl-użu ta' pedagoġiji li huma inklużivi fin-natura tagħhom u jaħsbu għad-diversità;

1 Il-kelma 'student' qed tintuża fis-sens ġeneriku ta' *learner*, u skont il-kuntest tista' tirreferi għal min qed jitgħallem mil-livell tal-kindergarten sal-aħħar tas-sekondarja.

- żvilupp professjonali li jimxi mal-opportunitajiet li jeżistu fl-ambitu tar-realtà estiża tal-UE; u
- l-iżvilupp tal-iskola bħala komunità li titgħallem magħmula minn għalliema li jirriflettu fuq il-prattika tagħhom.

## Il-Komponenti tal-NCF

Hemm seba' komponenti li jikkostitwixxu l-NCF, jiġifieri: Prinċipji Ġenerali, Għanjiet tal-Edukazzjoni; Oqsma tat-Tagħlim; Tagħlim Effettiv; Assessjar u Evalwazzjoni; Involviment tal-Ġenituri u tal-Komunità; Strutturi ta' Appoġġ. Dawn huma ppreżentati b'mod ġenerali f'Dokument 2 u mbagħad huma żviluppati aktar b'rilevanza speċifika għas-Snin Bikrin, il-Primarja u s-Sekondarja f'Dokument 3.

## Il-Prinċipji Ġenerali

L-NCF hu msejjes fuq sitt prinċipji ġenerali, jiġifieri:

Prinċipju 1: Dritt għat-Tagħlim

Prinċipju 2: Diversità

Prinċipju 3: Kontinwu ta' Kisbiet

Prinċipju 4: Tagħlim iċċentrat fuq l-Istudent

Prinċipju 5: Assikurazzjoni ta' Kwalità

Prinċipju 6: Appoġġ lill-Għalliema

Dawn joħorġu mill-valuri espressi fid-dokumenti *Tomorrow's Schools* (1995) u *Creating the Future Together* (1999) u kkonfermati fid-dokument *Transition from Primary to Secondary Schools in Malta: A Review* (2007) u f'direttivi nazzjonali u tal-UE.

## L-Għanijiet tal-Edukazzjoni

F'konformità mal-prinċipji mniżżlin hawn fuq, l-NCF għandu l-għan li jiżviluppa:

- studenti li jkunu kapaċi jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal sħiħ tagħhom bħala persuni li qed jitgħallmu tul ħajjithom;
- studenti li huma kapaċi jsostnu ċ-ċansijiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol; u
- studenti li huma ċittadini impenjati f'realtajiet lokali, reġjonali u globali li jinbidlu l-ħin kollu.

## L-Oqsma tat-Tagħlim

Is-sistema kurrenti ta' tifrid tal-kurrikuli primarji u sekondarji f'suġġetti singoli indipendenti tippreżenta lil dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu b'dehra frammentata ta' għarfien li ma twassalx għal edukazzjoni ħolistika. L-NCF jipproponi perspettiva alternattiva ta' kontenut kurrikulari li jikkonċettwalizza t-tagħlim li jseħħ bis-saħħa ta' esperjenzi sinifikanti li joffru sfida lill-istudenti, imsejsa fl-għarfien, interessi u dispożizzjonijiet li jġibu magħhom l-istudenti. Dan jista' jsir l-aħjar permezz tat-tgħaqqid ta' diversi suġġetti f'oqsma tat-tagħlim biex jikkontribwixxu għall-kisba ta' korp ta' għarfien u ħiliet rilevanti, determinati u konnessi bejniethom li jattiraw u jimmotivaw li dawk li jkunu qed jitgħallmu. Dan ma jfissirx li se jkun eliminat il-kontenut ta' suġġetti tradizzjonali, se jinħolqu rabtiet bejn diversi suġġetti biex it-tagħlim jissaħħaħ.

Mhumiex qed ikunu proposti oqsma tat-tagħlim maqtugħin għalihom għas-Snin Bikrin billi hawn l-enfasi qiegħda fuq l-iżvilupp ta' ħiliet u dispożizzjonijiet pożittivi lejn it-tagħlim li jkunu żviluppati u estiżi fis-snin ta' wara. L-oqsma tat-tagħlim iddaħħlu fiċ-ċiklu primarju u huma estiżi għaċ-ċiklu sekondarju fejn l-istudenti jagħżlu minn fost għadd ta' suġġetti skont l-interess tagħhom.

It-tagħlim fis-Snin Bikrin u t-tmien oqsma tat-tagħlim proposti għaċ-ċikli primarji u sekondarji bħala dritt għal kull tifel u tifla u għal kull żagħżugħ u żagħżugħa jirriżultaw mill-għanijiet identifikati għal dan l-NCF. Oqsma tat-tagħlim simili huma identifikati f'dokumentazzjoni kurrikulari nazzjonali ta' pajjiżi oħra bħalma huma l-Iskozja (2004, 2006, 2007, 2008) u New Zealand (2007) u fid-direttivi tal-UE.

L-NCF propost jippreżenta deskrizzjoni qasira ta' kull qasam ta' tagħlim li tagħti l-linji ġenerali tal-għarfien, ħiliet u attitudnijiet essenzjali li l-istudenti huma mistennija li jiksbu. Iktar tard esperti kurrikulari u speċjalisti dwar il-kontenut f'kull żona jiżviluppaw deskrizzjonijiet aktar dettaljati u komprensivi ta' kull qasam ta' tagħlim u r-riżultati rispettivi kemm fil-livell primarju u kemm f'dak sekondarju. Dawn imbagħad ikunu żviluppati f'sillabi u skemi ta' xogħol li jistgħu jintużaw direttament fil-kuntesti kollha ta' tagħlim. Fl-ambitu ta' kull qasam ta' tagħlim, ikun identifikat il-kurrikulu obbligatorju ewlieni g˙all-iskejjel, u jkunu identifikati wkoll il-komponenti flessibbli li jippermettu li jkun hemm programmi differenti ta' tagħlim skont il-ħtiġijiet individwali tal-istudenti.

L-oqsma tat-tagħlim huma:

- **il-Lingwi** (il-Malti u l-Ingliż; l-Ilsna Barranin);
- **il-Matematika**;
- **ix-Xjenzi**;
- **l-Edukazzjoni Reliġjuża** (Edukazzjoni Reliġjuża Kattolika. L-NCF jipproponi programm ta' Edukazzjoni Etika għal dawk li jagħżlu li ma jeħdux Edukazzjoni Reliġjuża Kattolika);
- **l-Edukazzjoni għaċ-Ċittadinanza** (l-Istorja, il-Ġografija, L-Istudji Soċjali, l-Istudji Ambjentali u aspetti ta' Edukazzjoni Personali, Soċjali u tas-Saħħa u *Home Economics*);

- **l-Edukazzjoni Teknoloġika** (id-Disinn u t-Teknoloġija, il-Litteriżmu Diġitali);

- **l-Edukazzjoni fl-Arti** (l-Arti, il-Mużika, id-Drama, iż-Żfin); u

- **l-Edukazzjoni għas-Saħħa** (l-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport, aspetti ta' Edukazzjoni Personali, Soċjali u tas-Saħħa u *Home Economics*).

L-NCF jipproponi wkoll ħames temi interkurrikulari:

- **l-*eLearning***;

- **l-Edukazzjoni għal żvilupp Sostenibbli**;

- **l-Edukazzjoni Interkulturali**;

- **l-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija**; u

- **il-Kreattività u l-Innovazzjoni**.

Dawn huma kkunsidrati bħala komponenti essenzjali għal edukazzjoni ħolistika u huma maħsubin biex ikunu integrati fl-oqsma tat-tagħlim diversi u biex jipprovdu fergħat li jgħaqqdu flimkien l-oqsma kollha tat-tagħlim.

## Il-Pedagoġija, il-Prattika u l-Evalwazzjoni

### *It-Tagħlim Effettiv*

Fl-ambitu ta' ambjent ta' tagħlim differenzjat, l-għalliema jeħtiġilhom jadottaw sistemi li jibnu fuq l-għarfien li diġà jkollhom l-istudenti u li jgħinhom jagħmlu progress. L-NCF qed jipproponi li l-istudenti jadottaw perspettiva kostruttivista għat-tagħlim li ġġib flimkien sistema kostruttivista konjittiva u soċjali għal tagħlim effettiv.

It-tagħlim hu effettiv l-aktar meta l-istudenti jingħataw opportunitajiet li jagħmlu sens ta' għarfien ġdid f'kuntest li jippermettilhom jirreaġixxu mal-għalliem u ma' oħrajn li jkunu qed jitgħallmu biex jiddiskutu u jiskambjaw il-fehim tagħhom. Minn dan il-lat, pedagoġija dominata mill-għalliem u li t˙alli lill-istudenti f'rwol passiv, li tenfasizza l-memorizzazzjoni u tillimita l-interazzjonijiet bejn dawk li jkunu jitgħallmu, x'aktarx li ma tasalx biex tmexxi 'l quddiem tagħlim effettiv.

Il-proċess tat-tagħlim jeħtieġ li joffri sfida u jitlob impenn mill-istudenti kollha, inklużi dawk li jmorru l-aktar ħażin u dawk li jmorru l-aħjar, u jgħinhom jiżviluppaw il-potenzjal massimu tagħhom bħala persuni li jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom. Il-programmi ta' tagħlim jeħtieġ li jkunu msejsa fuq il-kompetenza aktar milli fuq l-għarfien, u jenfasizzaw il-proċess tat-tagħlim aktar mis-sempliċi akkwist tal-kontenut, partikolarment fil-kuntest ta' soċjetà fejn l-għarfien hu aċċessibbli l-ħin kollu. F'termini ta' tfassil ta' kurrikulu dan jista' jintlaħaq billi wieħed iqis tliet dimensjonijiet:

- **Kontenut u padrunanza** li jinvolvu li jkollok studenti jesploraw u jifhmu l-medda sħiħa ta' ideat f'qasam ta' kontenut partikolari;

- **Ħsieb f'livell ogħla** li jinvolvi analiżi, sinteżi u evalwazzjoni ta' kontenut u kunċetti

f'ċertu fond, u l-applikazzjoni tagħhom b'modi differenti u f'kuntesti differenti; u

- Użu ta' **kunċetti u temi usa'** biex wieħed jeżamina l-kontenut tal-kurrikulu minn lentijiet differenti, ngħidu aħna bidla, sistemi, setgħa, mudelli u/jew kawża u effett.

### *L-Ambjenti tat-tagħlim*

Billi t-tfal jiżviluppaw b'mod ħolistiku u billi t-tagħlim u l-iżvilupp ma jsirux b'mod sekwenzjali u lineari, għalliema tas-Snin Bikrin u dawk tal-Primarja u s-Sekondarja huma inkoraġġiti li jsawru ambjenti tat-tagħlim li jappellaw għall-interessi tat-tfal, huma rilevanti għall-esperjenzi ta' kuljum tagħhom, u jistgħu jkunu esplorati b'manjieri innovattivi u li joffru sfida. Esperjenzi diretti u prattiċi jinkoraġġixxu l-interazzjoni, l-impenn u l-involviment li minnaħa tagħhom iwasslu għal fehim itjeb, ftakir u l-iżvilupp ta' rappreżentazzjonijiet mentali. Din is-sistema ssaħħaħ l-attitudni tat-tfal u ż-żgħażagħ fil-mixja tagħhom minn esperjenzi konkreti u tanġibbli għal nozzjonijiet simboliċi u astratti. Fil-kors tal-iżvilupp tat-tfal fit-tagħlim, ambjenti ta' tagħlim dinamiċi jipprovdu kuntest biex wieħed jittratta kwistjonijiet fil-fond u minn għadd ta' perspettivi differenti. Osservazzjonijiet, analiżi, investigazzjonijiet, esplorazzjoni u esperimentar permezz ta' proġetti, suġġetti u temi jaqblu mas-sens ta' kurżità tat-tfal u taż-żgħażagħ u max-xewqa li jiskopru x'fiha d-dinja ta' madwarhom, u l-'għaliex' u l-'kif' tagħha.

### *Il-Progressjoni u d-differenzjazzjoni fit-tagħlim*

IL-prinċipji ta' diversità u inklużjoni huma s-sisien tal-NCF li jenfasizza t-tagħlim iċċentrat fuq l-istudent u jiffoka fuq metodi ta' tagħlim li juru lil dawk li jitgħallmu kif għandhom jitgħallmu. Dan l-atteġġjament jimplika li fl-istadji kollha l-istudenti, huma x'inhuma l-attitudnijiet u l-kompetenzi tagħhom, għandhom jesperjenzjaw is-suċċess u livell ta' sfida, u jkunu appoġġjati biex isostnu l-isforz tagħhom. Huma jkunu jeħtieġu programmi ta' tagħlim flessibbli li jipprovdulhom esperjenzi ta' tagħlim diversi li huma addattati għal spettru wiesa' ta' studenti u jippermettu rati differenti ta' progressjoni waqt li t-tfal u ż-żgħażagħ ikunu għaddejjin fil-kors tas-snin li jagħmlu l-iskola. Użu xieraq ta' teknoloġiji bbażati fuq l-ICT jista' jkompli jappoġġja t-tagħlim iċċentrat fuq l-istudent.

Ir-rwol tal-għalliem professjonali hu li jagħżel strateġiji addattati li jimpenjaw b'mod attiv lill-istudenti, u jimmotivawhom biex jagħmlu tagħhom b'mod personali l-esperjenzi ta' tagħlim li jgħaddu minnhom. Bl-iffukar dejjem aktar fuq dawk li jitgħallmu, u b'aktar klassijiet ta' ħiliet imħallta fl-iskejjel, attitudnijiet differenzjati jsiru aktar importanti u l-għalliema jeħtieġ li jadottaw strateġiji li jibnu fuq it-tagħlim li l-istudenti jkunu esperjenzaw qabel u jgħinuhom jimxu 'l quddiem.

### *It-Transizzjonijiet*

Filwaqt li fl-ewwel snin taċ-Ċiklu tal-Primarja l-kurrikulu jibni fuq is-sisien imqegħdin fis-Snin Bikrin, fis-snin ta' wara tal-Primarja dan jintrabat sfiq maċ-Ċiklu tas-Sekondarja biex jiżgura transizzjoni bla skossi. Minħabba t-tneħħija mill-2011 tal-eżamijiet tal-*Junior Lyceum* u l-*Common Entrance*, l-NCF jipproponi kurrikulu li jħaffef it-transizzioni miċ-Ċiklu tal-Primarja għal dak tas-Sekondarja permezz tar-riorganizzazzjoni ta' suġġetti f'oqsma tat-tagħlim u l-progressjoni ta' livell ta' kisba ta' għarfien espressi bħala *learning outcomes*.

L-NCF qed jipproponi li:

- t-transizzjoni mill-iskola Primarja għal dik Sekondarja għandha ssir bla skossi u toffri pro-

gressjoni b'mod li tappoġġja lill-istudenti biex jitgħallmu jerfgħu responsabbiltà akbar tat-tagħlim tagħhom;

- t-tagħlim fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja għandu jikkonsolida u jibni fuq l-esperjenza ta' tagħlim fi żmien l-edukazzjoni Primarja u jipprepara lill-istudenti għal sfidi usa' li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom meta jtemmu ż-żmien tal-edukazzjoni obbligatorja;
- s-sistema preżenti ta' sentejn fl-ewwel Ċiklu tas-Sekondarja segwit minn tliet snin fit-tieni Ċiklu tas-Sekondarja għandha tinżamm fil-każ tas-settur Statali, għalkemm skejjel oħrajn huma liberi li jikkunsidraw alternattivi oħrajn.

Il-konsiderazzjoni ta' karatteristiċi ta' tagħlim effettiv kif deskritti hawn fuq, tixpruna l-ħtieġa urġenti li jkunu żviluppati żewġ politiki li għandhom x'jaqsmu ma' (a) it-tagħlim tal-lingwa, inkluż il-lingwa tat-tagħlim, u (b) diversità u inklużjoni. F'dan ir-rigward l-NCF jagħti importanza lil xi kwistjonijiet kruċjali li jeħtieġ li jkunu indirizzati permezz ta' politiki bbażati fuq evidenza flimkien mal-fehmiet ta' dawk kollha involuti.

# L-Assessjar u l-Evalwazzjoni

## *L-Assessjar u t-Tagħlim*

L-assessjar fl-ambjenti ta' qabel l-iskola u tal-iskola jagħti kontribut essenzjali lit-tagħlim u lill-progress fil-livelli kollha. Dan għandu jitqies bħala parti integrali mill-proċess tal-istruzzjoni u t-tagħlim billi jipprovdi lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom reazzjonijiet kontinwi, fil-waqt proprju u kwalitattivi dwar il-progress tat-tfal, jagħti lill-għalliema informazzjoni dwar il-prattika tagħhom, u jagħti lill-iskejjel u l-kulleġġi informazzjoni dwar l-ippjanar tal-kurrikulu u t-tagħlim. Assessjar ***għat***-tagħlim (assessjar għal skopijiet formattivi) huwa proċess li jsir waqt it-tagħlim. L-istudenti u l-għalliema tagħhom jużaw ir-riżultati biex isiru jafu x'jafu dawk li jkunu qed jitgħallmu u x'ikunu kapaċi jagħmlu f'relazzjoni mat-tagħlim ippjanat. Huma jużaw l-informazzjoni u l-evidenza miġbura tul iż-żmien tat-tagħlim biex jieħdu deċiżjonijiet fuq kif jiffukaw fuq it-tagħlim fil-futur u jtejbuh.  Assessjar ***tat***-tagħlim (assessjar għal skopijiet sommarji) normalment isir fi tmiem *units* jew perjodikament fi tmiem modulu, f'nofs is-sena jew fi tmiem is-sena. Informazzjoni u ġudizzji fuq it-tagħlim jinġabru flimkien f'forma sommarja bl-iskop li jsiru rapporti lill-ġenituri u jsiru skambji ma' għalliema oħrajn fil-klassi li jmiss jew lill-iskola. Jekk dawk li jitgħallmu huma konxji sewwa ta' dak li hu mistenni minnhom (l-intenzjonijiet tat-tagħlim) u tal-kriterji ta' suċċess li fuqhom jitkejjel it-tagħlim tagħhom, l-assessjar ***tat***-tagħlim jista' jikkontribiwixxi b'mod effettiv għall-assessjar **għat**-tagħlim.

Meta mfassal tajjeb u implimentat kif għandu jkun, il-proċess tal-assessjar tal-klassi jista':

- jkun ta' appoġġ lill-istudenti biex ikejjel it-tagħlim tagħhom, jidentifika x'jafu, jara x'inhuma l-ħtiġijiet ta' tagħlim tagħhom, u jara x'passi jmisshom jittieħdu;
- jinkoraġġixxi lill-istudenti biex jappoġġjaw lil xulxin fit-tagħlim bis-saħħa tal-assessjar minn sħabhom;
- jgħin lill-għalliema jifhmu aħjar kemm qed jitgħallmu l-istudenti, jużaw evidenza biex jagħmel moniteraġġ tal-progess ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu, jirriflettu fuq il-prattiki tagħhom u jaddattaw il-mod kif jgħallmu għall-ħtiġijiet ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu;

- jgħin lill-għalliema jippjanaw għat-tagħlim ta' individwi u gruppi, u jiżguraw li l-istudenti kollha jingħataw attenzjoni xierqa;
- isostni lill-ġenituri biex jaqsmu l-esperjenzi ta' tagħlim ta' wliedhom, jinterpretaw informazzjoni li toħroġ mill-assessjar, u jsegwu l-iżvilupp edukattiv tat-tfal tagħhom.

L-NCF jirrakkomanda l-iżvilupp ta' politika tal-assessjar f'livell ta' skola jew kulleġġ biex isir moniteraġġ tal-progress tul is-sena. Il-politika għandha tfittex li ttejjeb il-kwalità tal-assessjar u kif din hija komunikata lill-ġenituri u lil imsieħba oħrajn, bħal bordijiet ta' eżaminaturi u min iħaddem. Din għandha tqis ukoll il-frekwenza, it-tul u l-iffissar taż-żmien meta jsiru ħidmiet orali u dawk ta' smigħ komprensivi fil-lingwi, u xogħol prattiku u tipi oħrajn ta' xogħol tal-kors fl-oqsma differenti tat-tagħlim, fosthom is-suġġetti vokazzjonali. Fil-każ tas-settur Statali, il-politika għandha tistabbilixxi wkoll f'liema gruppi tas-sena l-eżamijiet jibqgħu jkunu ssettjati b'mod ċentrali. Fil-każ ta' dawk il-gruppi tas-sena fejn l-eżamijiet ikunu bbażati fil-kulleġġ, l-*Educational Assessment Unit* jeħtieġlu jagħmel moniteraġġ tal-istandards mal-medda kollha tal-kulleġġi differenti.

## *L-Evalwazzjoni: Il-Mekkaniżmi tal-Assikurazzjoni tal-Kwalità*

L-NCF jirrakkomanda li l-iskejjel ikunu inkoraġġiti u appoġġjati biex jibqgħu l-ħin kollu jiżviluppaw il-ħila tagħhom li jkunu komunitajiet ta' prattika riflessiva permezz ta':

- proċess ta' ppjanar ta' żvilupp tal-iskola li jinkludi fih innifsu mekkaniżmi għal awtoassessjar;
- konsulenza;
- il-Performance Management and Professional Development Plan (PMPDP); u
- kontrolli esterni li jsiru mid-Dipartiment tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità fid-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.

## *Il-Moniteraġġ Nazzjonali tal-Kisbiet*

Il-moniteraġġ fuq livell nazzjonali fuq standards miftiehma minn qabel huwa essenzjali biex ikun żgurat li d-dritt tal-istudenti għal edukazzjoni ta' kwalità qed ikun rispettat. Hija r-responsabbiltà tad-Direttorat għal Kwalità u Standards (DQSE) li jevalwa l-implimentazzjoni, l-innovazzjoni u x-xejriet emerġenti tal-kurrikulu permezz ta' assessjar estern f'livell nazzjonali u internazzjonali, permezz tal-eżamijiet ta' tmiem is-sena, moderazzjoni tal-assessjar li jsir mill-iskola, moniteraġġ tal-kisbiet f'oqsma differenti tat-tagħlim, *benchmarks* nazzjonali, servejs ta' litteriżmu u numeriżmu; eżamijiet tas-SEC, PISA[2], PIRLS[3], TIMSS[4], u servejs oħrajn.

---

2 PISA: Programme for International Student Achievement. Dan huwa programm ta' assessjar standardizzat f'livell internazzjonali li kien żviluppat b'mod konġunt minn ekonomiji parteċipanti u amministrat lil studenti ta' 15-il sena fl-iskejjel. Il-PISA jassessja kemm l-istudenti li waslu qrib it-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja jkunu kisbu mill-għerf u ħiliet li huma essenzjali għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà. Fiċ-ċikli kollha d-dominji tal-qari, matematika u litteriżmu xjentifiku huma koperti mhux biss f'termini ta' padrunanza tal-kurrikulu tal-iskola iżda f'termini ta' għerf u ħiliet importanti meħtieġa fil-ħajja adulta. Fiċ-ċiklu PISA 2003 ddaħħal dominju addizzjonali ta' soluzzjoni tal-problemi biex jitkompla l-eżami tal-kompetenzi interkurrikulari.

3 PIRLS: Progress in International Reading Literacy Study, Dan huwa ċiklu ta' assessjar mifrux fuq ħames snin li jkejjel xejriet fil-kisba tal-litteriżmu, tal-qari tat-tfal, u politiki u prattiki relatati mal-litteriżmu. Il-popolazzjoni internazzjonali tal-PIRLS tinkludi studenti fil-grad li jirrappreżenta erba' snin ta' skola, sakemm l-età medja meta jsiru t-testijiet tkun mill-inqas 9.5 snin.

4 TIMSS: Trends in International Mathematics and Science Study. Dan hu ċiklu ta' assessjar ta' erba' snin. Dan ikejjel xejriet fil-kisbiet tal-istudenti fil-matematika u x-xjenza. Hu amministrat lil studenti fir-raba' u t-tmien gradi.

# L-Involviment tal-Ġenituri[5] u tal-Komunità

It-tagħlim għandu jsir f'kuntest li jħaddan il-komunità tal-madwar li l-fruntieri tagħha jmorru lil hinn mill-ambjent immedjat tal-iskola. L-istrutturi edukattivi formali għandhom ikunu sensittivi u kapaċi jirrispondu għar-realtajiet u opportunitajiet li jġib miegħu l-ambjent tal-istudenti. Barra minn hekk, il-komunità (ġenituri, negozji/industriji, kunsilli lokali) – li dawk li jitgħallmu jinteraġixxu fi ħdanha – għandha tagħraf u tammetti l-funzjoni maġġuri tagħha li tinvesti f'edukazzjoni ta' kwalità għolja u tippromwoviha.

## *L-Iskejjel u l-ġenituri*

Minn meta ddaħħlu l-kunsill skolastiċi bl-Att tal-1988 dwar l-Edukazzjoni, kibret l-importanza tal-involviment tal-ġenituri u żdiedet ukoll il-varjetà tal-forom ta' dan l-involviment. Bħalissa, f'Malta jeżistu erba' xorta ta' interazzjoni tal-ġenituri:

*Il-Konnessjoni dar-skola:* Dawn it-tipi ta' konnessjoni jinkludu korrispondenza u dokumentazzjoni regolari lill-ġenituri u l-attendenza tal-ġenituri f'ċerimonji u funzjonijiet fl-iskola.

*Parteċipazzjoni tal-ġenituri:* Din il-parteċipazzjoni tinkludi għajnuna f'attivitajiet skont kif mitlub mill-iskola permezz ta' servizzi differenti.

*Involviment tal-ġenituri:* Il-ġenituri jieħdu parti ewlenija fil-proċessi tat-tfassil ta' deċiżjonijiet fl-iskola għaliex jistgħu jinfluwenzaw l-aġenda ta' dak li jkun jeħtieġ isir.

*Tagħlim tal-ġenituri għal tul il-ħajja:* Il-ġenituri jagħrfu li l-iskola tista' tkun sit u/jew opportunità għat-tkabbir personali tagħhom infushom.

L-erba' kategoriji huma importanti għall-ġenituri, għal uliedhom u għall-iskejjel biex jiżguraw l-aħjar żvilupp ħolistiku edukattiv ta' dawk kollha involuti. L-NCF jirrakkomanda l-iżvilupp ta' politika nazzjonali biex tifformalizza l-forom differenti ta' parteċipazzjoni.

## *L-Iskejjel u l-Komunità*

Ir-relazzjoni bejn l-iskejjel u l-komunità għandha erba' dimensjonijiet:

- Il-komunità lokali hija riżorsa utli għall-iskola biex it-tagħlim jingħata f'kuntest. Dan jista' jsir, ngħidu aħna, permezz ta' żjajjar lil siti ta' rilevanza nazzjonali; skola li tistieden persuni jew entitajiet relatati mat-tagħlim kurrikulari; orjentament tal-kurrikulu skolastiku biex jinkludi żjajjar lil siti, parteċipazzjoni f'attivitajiet u kontribut ta' personalitajiet.

- L-iskola tista' tkun lok għal tagħlim tul il-ħajja għall-komunità. Dan bħalissa jseħħ bissaħħa tal- klassijiet ta' filgħaxija u permezz ta' programmi għall-ġenituri ta' appoġġ fit-tagħlim u korsijiet ta' ta' *empowerment* tal-ġenituri.

- Il-komunità tista' tgħin lill-iskejjel iħejju lil dawk li jitgħallmu għad-dinja tax-xogħol. Esperjenzi ta' orjentament għax-xogħol iddaħħlu f'ħafna skejjel sekondarji u esponew lil dawk li kienu qed jitgħallmu għal ambjent reali ta' xogħol filwaqt li taw ukoll ħjiel ta' etika tax-xogħol u intraprenditorija f'kuntest.

---

5 F'dan id-dokument kollu kull referenza għal involviment tal-ġenituri fl-edukazzjoni tinkludi kuraturi legali u persuni adulti sinifikanti li għandhom funzjoni ta' ġenituri fil-ħajja tat-tfal. Din id-definizzjoni qed tingħata bla preġudizzju għall-obbligi legali tal-iskejjel.

- L-iskejjel jirrispondu għal dak li titlob is-soċjetà permezz ta' ffukar speċifiku fil-kurrikulu u esperjenzi edukattivi *ad hoc*. Id-dibattitu fis-soċjetà ċivili jissuġġerixxi l-ħtieġa ta' edukazzjoni f'oqsma ta' kontenut speċifiku biex iwasslu għal bidla kulturali partikolari f'kuntesti li għandhom ħtieġa urġenti ta' titjib.

Skejjel jistgħu jinbidlu f'komunitajiet ta' tagħlim tul il-proċess ta' identifikazzjoni ta' metodi varji u uniċi ta' tagħlim li jirriżultaw f'membri involuti ma' membri differenti tal-iskola u tal-komunità lokali.

Fil-fatt, l-NCF jirrakkomanda li:

- skejjel jistabbilixxu rabtiet qawwija ma' diversi membri, gruppi u aġenziji fil-komunità billi dan jgħin li t-tagħlim ikun estiż fi ħdan il-komunità u jdaħħal it-tagħlim fl-iskejjel; u

- il-kulleġġi jistabbilixxu sħubijiet mas-setturi differenti tal-ekonomija u jesploraw forom differenti ta' involviment li jistgħu jkunu ta' siwi kemm għall-istudenti u kemm għall-edukaturi.

## L-Istrutturi ta' Appoġġ

L-NCF jagħraf li edukazzjoni ta' kwalità għolja teħtieġ infrastruttura ta' appoġġ li tipprovdi kondizzjonijiet u opportunitajiet għall-istudenti biex jaslu għall-potenzjal sħiħ tagħhom u għall-għalliema u amministraturi biex jimplimentaw il-kurrikulu b'mod effettiv. Din l-infrastruttura teħtieġ servizzi lill-istudenti għaddejjin il-ħin kollu, riżorsi umani, żvilupp professjonali, appoġġ u *mentoring* lill-għalliema u tmexxija edukattiva soda.

### *Is-Servizzi għall-Istudenti*

L-impenn favur diversità u inklużjoni promoss minn dan l-NCF jeħtieġ ikollu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' servizz fl-interessi tal-istudenti. Dawn is-servizzi jingħataw tul sekwenza li tibda minn dak personali/pastorali għal dak kurrikulari. Is-servizzi għandhom jingħataw skont dawn il-prinċipji bażiċi:

- Is-servizzi kollha għandhom jibdew mir-realtà tal-istudent li trid tinkorpora komponent personali/pastorali;

- Is-servizzi kollha jeħtieġ li jindirizzaw l-implikazzjonijiet tas-servizz partikolari fuq id-dritt u l-iżvilupp edukattiv tal-istudent;

- Dawn is-servizzi jeħtieġ li jingħataw fil-kuntest ta' diversità, li jfisser li dawn jindirizzaw il-livell kurrenti jew attwali tal-istudent fil-waqt li jindirizzaw il-progress u l-kisbiet li għad iridu jseħħu;

- Is-servizzi għandhom iħaffu l-aċċess tal-għalliema għal informazzjoni xierqa, ħiliet, u provediment kumplimentari li jagħtuhom il-ħila li jindirizzaw b'mod effettiv id-dritt edukattiv tal-istudent; u

- Servizzi li jeħtieġu li l-istudent jinħareġ temporanjament mill-klassi huma effettivi sa-

kemm dawn iwasslu għar-reintegrazzjoni tal-istudent fil-klassi ewlenija, u t-tisħiħ tal-għalliema tal-klassi biex tkun sostnuta din ir-reintegrazzjoni[6].

## *Ir-Riżorsi Umani*

L-NCF qed jipprovdi direzzjoni ċara dwar kif għandu jingħata t-tagħlim ta' oqsma tat-tagħlim speċifiċi, u, fil-każ tal-iskejjel primarji, jindika r-responsabbiltajiet tal-għalliema tal-klassijiet u tal-għalliema ta' suġġetti speċjalizzati. L-iżviluppi suġġeriti mill-NCF joħolqu l-ħtieġa ta' evalwazzjoni tas-servizz peripatetiku maħsub biex jappoġġja l-kurrikulu fid-diversi livelli ta' implimentazzjoni tiegħu. Kemm fiċ-Ċiklu tal-Primarja u kemm f'dak tas-Sekondarja, l-appoġġ tal-Kapijiet tad-Dipartmenti u l-Uffiċjali tal-Edukazzjoni għandu jinżamm u jissaħħaħ.

## *L-Iżvilupp professjonali għaddej il-ħin kollu*

L-iżvilupp professjonali għaddej il-ħin kollu tal-għalliema biex jaġġornaw l-għarfien u l-bażi tal-ħiliet tagħhom għandu jitqies bħala indispensabbli biex il-professjoni tibqa' effettiva. L-għalliema professjonali għandhom jiżviluppaw il-ħidma professjonali u pedagoġika tagħhom mal-għalliema skont perspettivi kontemporanji ta' riċerka, teorija, għarfien tal-kontenut u prattiki ta' tagħlim, u fuq kemm jifhmu lil dawk li jkun qed jitgħallmu. Huma għandhom iqisu lilhom infushom bħala nies professjonali kritiċi u riflessivi li jinvolvu ruħhom mat-teorija u l-prattika kontemporanja. Dan l-NCF jappoġġja medda wiesgħa ta' opportunitajiet aċċessibbli għall-iżvilupp professjonali ta' dawk li joperaw fl-iskejjel u l-kulleġġi u fid-Direttorati tal-Edukazzjoni.

## *Il-Mentoring*

Il-*Mentoring* huwa forma ta' għajnuna għal nies professjonali fid-diversi stadji tal-karrieri tagħhom. L-għalliema kwalifikati ġodda u oħrajn deħlin għal funzjonijiet, sfidi u responsabbiltajiet ġodda jgawdu ħafna minn appoġġ strutturat mogħti minn sħabhom li jkollhom aktar esperjenza u huma mħarrġin apposta. Il-*mentoring* hu siewi wkoll meta dak li jkun ikun għaddej minn sfidi li jeħtieġu appoġġ professjonali. Il-funzjoni ewlenja ta' min jagħti dan l-appoġġ hija li jgħin lill-individwu biex jirrifletti b'mod li jagħti l-frott fuq il-prattika professjonali tiegħu jew tagħha ħalli jtejjibha.

## *Is-Servizzi legali u psikosoċjali għall-għalliema*

Sa mis-sena 2007 l-għalliema fl-iskejjel Statali setgħu jużaw servizzi psikosoċjali u legali mogħtijin lilhom b'xejn. Dawn is-servizzi nstabu li kienu popolari, u d-domanda qawwija għalihom, l-aktar fil-qasam psikosoċjali, wasslet biex is-servizz jiżdied. Xi skejjel indipendenti wkoll żviluppaw gruppi ta' kura pastorali li jappoġġjaw għalliema fl-isfera psikosoċjali. L-NCF jaqbel ma' dawn l-istrutturi ta' appoġġ.

## *Is-Sens ta' tmexxija ta' persuni ewlenin fl-edukazzjoni*

It-tmexxija hija komponent ewlieni tal-proċess kollu tar-riforma u jeħtieġ li sservi ta' pern għall-iżvilupp fil-livelli kollha. L-NCF jirrakkomanda:

mudell ta' tmexxija li jippromwovi forom distributtivi ta' tmexxija. Fl-ambitu tal-esperjenza ta' netwerk, filwaqt li l-mexxejja fl-iskejjel għandhom funzjoni kemm ta' viżjoni u kemm

---

6 Servizzi ta' mmaniġġjar ta' mġiba li jinkorporaw *Nurture Groups* u *Learning Support Zones* huma provedimenti li għandhom l-għan li jirrijintegraw lill-istudent u jgħollu l-livell tal-ħiliet tal-għalliem tal-klassi.

strateġika, huma jeħtiġilhom ukoll jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' kultura kollaborattiva li tagħmel użu mill-medda sħiħa ta' ħiliet u esperjenzi professjonali li jkun hemm fost il-membri tal-organizzazzjoni. Għandhom ikunu inkoraġġiti opportunitajiet diversi fi ħdan is-sistema tal-kulleġġi u f'setturi oħrajn biex tistieden lill-edukaturi ħalli jidħlu għal diskors kritiku, jindirizzaw materji kurrikulari u jtejbu l-kwalità tat-tagħlim u tal-istruzzjoni; u

li s-*Senior Management Teams*[7] jiddedikaw ħin effettiv u ta' kwalità biex jaħdmu flimkien fit-tmexxija tal-iskejjel u jipprovdu opportunitajiet varji għalihom infushom biex flimkien ma' għalliema u impjegati oħrajn li jappoġġjawhom itejbu l-kwalità ta' edukazzjoni li tkun qed tingħata.

Dan il-mudell ta' tmexxija hu applikabbli fiċ-ċikli tas-Snin Bikrin, tal-Primarja u tas-Sekondarja.

## *L-Appoġġ għall-Iżvilupp u l-Implimentazzjoni tal-Kurrikulu*

Id-DQSE, bi ftehim mal-kulleġġi, l-iskejjel u l-Fakultà tal-Edukazzjoni, għandu funzjoni ewlenija fl-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni tal-NCF li tinkludi l-iżvilupp ta':

- oqsma tat-tagħlim;
- *Learning Outcomes Framework* li jinvolvi l-kitba mill-ġdid tas-sillabi eżistenti;
- deskritturi ta' livell li jikkorrispondu magħhom;
- strateġiji ta' tagħlim li jħaddnu d-diversità;
- proċeduri ta' assessjar li jiżguraw progressjoni individwali ta' tagħlim; u
- assessjar summattiv marbut ma' livelli nazzjonali ta' kisbiet.

Id-deċiżjonijiet marbuta mal-kurrikulu, il-pedagoġija, l-għażla ta' materjali għat-tagħlim, tagħmir u riżorsi għandhom jittieħdu dejjem iżjed bħala riżultat tal-kollaborazzjoni bejn min għandu responsabbiltà fid-DQSE għall-iżvilupp kurrikulari, is-*Senior Management Teams* u l-għalliema fl-iskejjel. Id-DQSE jappoġġja kulleġġi u skejjel fl-żvilupp ta' korsijiet kemm imfasslin apposta u kemm *in-house* li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi, kif ukoll taħriġ li jindirizza prijoritajiet nazzjonali. Id-DQSE hu wkoll responsabbli għall-moderazzjoni u l-moniteraġġ tal-assessjar li jsir mill-skejjel u l-iżvilupp u/jew moniteraġġ tal-assessjar sommattiv fil-kulleġġi u l-iskejjel.

7 Għall-finijiet tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-kurrikulu, is-*Senior Management Teams* huma magħmula mill-Kap tal-Iskola, l-Assistenti Kapijiet u l-Kapijiet tal-Dipartiment jew ekwivalenti.

# Dokument 3:

# L-NCF fil-Prattika

# It-Tliet Ċikli: Is-Snin Bikrin, is-Snin tal-Primarja u s-Snin tas-Sekondarja

## Is-Snin Bikrin

F'Dokument 3 l-NCF jipproponi kurrikulu għas-Snin Bikrin li jiffoka fuq l-esperjenzi tat-tfal u jipprovdi għat-trawwim ta' dispożizzjonijiet pożittivi lejn it-tagħlim li jridu jkunu estiżi għas-snin ta' wara. Dan jinkoraġġixxi programmi ta' attivitajiet li jmorru lil hinn mit-tagħlim ta' suġġett jew kontenut speċifiku g˙al pedagoġiji li jagħnu rabtiet kurrikulari u hekk iħaffu l-proċessi tat-tagħlim li jirrispondu għall-interessi tat-tfal u l-għarfien li kellhom minn qabel, jirrispettaw il-maturità konjittiva u mudelli ta' tagħlim preferuti tal-istudenti, jistimulaw il-kurżità, idaħħlu interess fit-tagħlim, jippromwovu l-esplorazzjoni, is-sejbiet u l-kreattività u jrawmu ambjenti li jippromwovu l-komunikazzjoni u stili interattivi ta' tagħlim. Bis-saħħa ta' programmi maħsubin biex iwasslu għall-involviment attiv tat-tfal u għal tagħlim imsejjes fuq l-esperjenza, it-tfal huma mistennija jiksbu kompetenzi soċjali, komunikattivi u intellettwali f'ambjent li jrawwem benesseri personali u dispożizzjonijiet ta' tagħlim pożittivi.

L-NCF jargumenta favur:

- *outcomes* wesgħin li jħaddnu l-aspetti kollha edukattivi u li ma jkunux iffokati esklussivament fuq kisbiet akkademici;
- attitudnijiet pedagoġiċi li jirrispettaw l-età u l-livell ta' żvilupp tat-tfal;
- kontenut bla limiti li għandu jkun ippreżentat lit-tfal b'modi li jżommu l-attenzjoni tagħhom u jiżguraw involviment u parteċipazzjoni; u
- impjegati mħarrġin tajjeb ħafna u ta' ħila li huma sensittivi għall-karatteristiċi tat-tfal li jkunu qed jitgħallmu u li jaqblu mal-proċessi ta' tagħlim ta' tfal li għadhom jitgħallmu jimxu, tfal żgħar ħafna u tfal żgħar fl-istadji bikrin tal-iskola formali.

L-NCF japprova wkoll il-pożizzjoni rrakkomandata mill-NMC (1999, p.57) li tqis l-ewwel sentejn tal-iskola Primarja bħala kontinwazzjoni tal-perjodu ta' sentejn fil-Kindergarten.

L-NCF jidentifika l-ħames kompetenzi li ġejjin għas-Snin Bikrin:

(1) il-Benesseri; (2) il-Kompetenzi Soċjali; (3) il-Kompetenzi Komunikattivi;
(4) id-Dispożizzjonijiet biex wieħed jitgħallem; u (5) il-Kompetenzi Intellettwali.

Dawn il-kompetenzi jistgħu jiżviluppaw f'*learning outcomes* li t-tfal żgħar huma mistennija

jiksbu sa meta jkunu mexjin mis-Snin Bikrin għas-snin tal-iskola Primarja li jsegwu. L-iżvilupp ħolistiku tat-tfal jikkontribwixxi għall-kisba b'suċċess tar-riżultati li ġejjin:

Riżultat 1: It-tfal jiżviluppaw sens qawwi ta' identità;

Riżultat 2: It-tfal jiksbu idea pożittiva tagħhom infushom;

Riżultat 3: It-tfal ikunu soċjalment kapaċi;

Riżultat 4: It-tfal ikunu komunikaturi effettivi; u

Riżultat 5: It-tfal irawmu attitudnijiet pożittivi meta jitgħallmu kif isiru impenjati u fiduċjużi fit-tagħlim.

## Is-Snin tal-Primarja

L-NCF qed jipproponi li:

- l-kurrikulu għall-Iskejjel Primarji jqis it-tagħlim bħala proċess dejjem għaddej u kontinwu, jibni fuq is-sies sod imqiegħed tul l-istadju tas-Snin Bikrin u jorbot sfiq mal-iskejjel sekondarji biex jiżgura transizzjoni bla skossi bejn il-livelli;

- jiġu implimentati pedagoġiji mibnijin fuq attitudni soċjokostruttiva li tirrispetta mudelli ta' tagħlim individwalizzati, tindirizza l-ħtiġijiet kollha tat-tfal, u tiżviluppa b'suċċess il-potenzjal kollu tat-tfal;

- l-kurrikulu tal-Primarja jgħin lit-tfal jiżviluppaw f'persuni li jitgħallmu b'fiduċja u li għandhom idea pożittiva tagħhom infushom, stima għolja tagħhom infushom, u huma soċjalment kapaċi; ħassieba kritiċi u innovattivi li għandhom il-ħila jiġġeneraw ideat ġodda li mbagħad jitqiegħdu fil-prattika; persuni li jużaw il-Malti u l-Ingliż b'mod profiċjenti; persuni li jitgħallmu jgħoddu u għandhom bażi soda f'raġunar u kunċetti matematiċi; persuni li jitgħallmu li huma litterati xjentifikament u kapaċi jidħlu għal tiftix li jrawwem fihom imħabba għall-esplorazzjoni u l-istagħġib; studenti li huma litterati diġitalment, kapaċi jużaw u jadattaw teknoloġiji ġodda; u studenti li huma fiżikament attivi, kapaċi jagħmlu għażliet favur stil ta' ħajja sana;

- it-tqassim ta' tfal fi klassijiet issir b'tali mod li l-ħiliet ikunu mħalltin tul is-snin primarji kollha;

- għalliema fl-iskejjel primarji jkunu responsabbli għat-tagħlim ta': il-Malti, l-Ingliż, il-Matematika, ix-Xjenzi, it-Teknoloġija, ir-Reliġjon, is-Suġġetti Ċiviċi u s-Saħħa (inkluża l-Edukazzjoni Fiżika);

- għalliema speċjalizzati f'suġġett partikolari għandhom jieħdu post l-għalliema tal-klassijiet biex jgħallmu l-Arti, il-Mużika, id-Drama, l-Edukazzjoni Personali, Soċjali u tas-Saħħa, u l-programmi ta' għarfien f'ilsna barranin;

- għalliema li jagħtu appoġġ kurrikulari fix-Xjenzi, l-Edukazzjoni Fiżika, it-Teknoloġija u

l-IT għandhom jgħinu lill-għalliema tal-klassijiet fl-iskola biex jiżviluppaw il-qasam kurrikulari u joffru għajnuna fil-kontenut u riżorsi skont kif ikun meħtieġ;

- għandu jkun offrut appoġġ f'livell ta' kulleġġi u f'livell nazzjonali fl-ippjanar, implimentazzjoni u evalwazzjoni ta' suġġetti interkurrikulari, u fl-implimentazzjoni ta' politiki speċifiċi bis-saħħa li jiġu implimentati b'mod ħolistiku fl-iskejjel;

- s-sistema peripatetika kurrenti tkun riveduta skont kif meħtieġ;

- li forom differenti ta' assessjar ***għat***-tagħlim fis-snin primarji kollha u assessjar ***tat***-tagħlim mir-Raba' sas-Sitt Sena huma indikattivi tal-progress tal-istudenti skont il-livelli ta' kisba. L-assessjar li jsir mill-iskola, li jkun jinkorpora l-assessjar ta' ħiliet orali jew tas-smigħ fil-Malti u fl-Ingliż jagħti lill-ġenituri, lill-għalliema u lill-amministrazzjoni tal-iskola stampa ġenerali tal-iżvilupp ta' kull tifel u tifla f'termini ta' livelli ta' kisbiet ġenerali. Barra minn hekk, mir-Raba' Sena, il-proċess isir aktar formalizzat bl-introduzzjoni ta' eżamijiet f'konnessjoni ma' forom oħrajn ta' assessjar. It-tlaqqigħ ta' sistemi differenti għandu jgħin lid-diversi msieħba involuti biex jiksbu stampa ċara tal-iżvilupp tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet ta' studenti individwali fl-oqsma differenti tat-tagħlim tul iċ-Ċiklu tal-Primarja;

- fi tmiem is-Sitt Sena jkun iffissat *benchmark* nazzjonali għal tmiem l-iskola Primarja fil-Matematika, fil-Malti u fl-Ingliż[8] u dan għandu jkun applikat b'mod ċentrali biex jipprovdi livelli ta' tqabbil nazzjonali. Filwaqt li dawn il-metodi ta' assessjar huma obbligatorji għal tfal li jattendu skejjel Statali, l-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti jistgħu jipparteċipaw ukoll. Dawn il-metodi ta' assessjar jirreġistraw il-kisbiet tal-istudenti fi tmiem iċ-ċiklu tal-edukazzjoni Primarja u jipprovdu informazzjoni importanti dwar il-kisbiet ta' studenti individwali lill-iskejjel sekondarji li jirċevuhom.

## *L-Orarju Skolastiku Propost għaċ-Ċiklu tal-Primarja*

Il-medda ta' attivitajiet fl-ewwel sentejn taċ-Ċiklu tal-Primarja (l-Ewwel u t-Tieni Sena) għandha tkun l-istess bħal ta' dawk li jingħataw fis-Snin Bikrin. Fl-ewwel sentejn fil-Primarja għandu jkun hemm sistema ta' tagħlim madwar *topic* jew tema: sistema ta' din ix-xorta tagħni l-iżvilupp ta' kull qasam ta' tagħlim. Ix-Xjenza, l-Edukazzjoni Reliġjuża, l-Edukazzjoni Ċivika, l-Edukazzjoni fl-Arti u l-Edukazzjoni għas-Saħħa huma kollha oqsma li jappoġġjaw l-iżvilupp ta' ħiliet ta' taħdit, litteriżmu, numeriżmu u litteriżmu diġitali. Għalkemm qed tkun proposta indikazzjoni ta' kif il-ġurnata tal-iskola tista' titqassam fil-każ tal-iskejjel primarji, mhi qed issir ebda rakkomandazzjoni fissa fil-każ ta' tfal fl-Ewwel u t-Tieni Sena.

Fir-rigward tal-orarju skolastiku mit-Tielet sas-Sitt Sena, qed ikunu proposti għall-konsiderazzjoni tul il-proċess ta' konsultazzjoni alternattivi li jippermettu xi grad ta' flessibbiltà f'livelli ta' skola jew kulleġġ. Madankollu, il-kriterji li ġejjin huma komuni għall-għażliet kollha:

- Wieħed jassumi li, bħala medja, tul sena skolastika hemm madwar 800 siegħa ta' tagħlim. Din iċ-ċifra ma tinkludix il-ħin tal-*assembly*, tal-waqfiet jew tal-eżamijiet;

8 L-eżamijiet nazzjonali ta' tmiem is-sena jinkludu assessjar ta' ħiliet orali jew tas-smigħ kemm fl-Ingliż u kemm fil-Malti.

- Il-ħin tat-tul tal-lezzjonijiet jista' jvarja biex jista' jkun hemm ħinijiet flessibbli li jaqblu mal-esiġenzi tat-tfal. B'mod ġenerali l-ħin tal-lezzjoni jvarja bejn 30 u 60 minuta;

- Attivitajiet tal-Edukazzjoni Fiżika jew l-Isport huma allokati medja ta' 30 minuta kull ġurnata tul il-ħin allokat għall-Edukazzjoni għas-Saħħa. Barra minn hekk, l-iskejjel huma mħeġġa jorganizzaw attivitajiet sportivi tul il-waqfa ta' nofs il-jum. Għandhom ukoll ikunu promossi attivitajiet ta' wara l-iskola f'livell ta' skola jew kulleġġ f'kollaborazzjoni mal-komunità usa' u mal-*Kunsill Malti għall-Isport*;

- It-tqassim rakkomandat (tgħabbir tal-oqsma tat-tagħlim) jippermetti li jkun hemm programm ta' attivitajiet bilanċjat tajjeb li jippermetti ħin suffiċjenti għal oqsma differenti tat-tagħlim; u

- L-iskejjel għandhom jiżguraw li kull ġimgħa jkun hemm siegħa u nofs dedikati għal sessjonijiet ta' ppjanar għall-għalliema.

Konformi mal-flessibbiltà li l-NCF qed jipproponi, wieħed mill-mudelli ta' orarji skolastiċi jħalli siegħa fil-ġimgħa (bejn wieħed u ieħor 32 siegħa kull sena) biex il-Kapijiet tal-Iskejjel jiddeċiedu kif għandu jintuża dan il-ħin. Fil-każ ta' tfal ta' etajiet iżgħar, fejn ma jkunx hemm programm ta' għarfien ta' lingwa barranija, l-iskola għandha grad miżjud ta' flessibbiltà f'kull waħda mill-alternattivi. Hu ttamat li l-flessibbiltà fl-orarju skolastiku tikber maż-żmien.

## Is-Snin tas-Sekondarja

L-NCF qed jipproponi li:

- it-transizzjoni mill-iskola Primarja għal dik Sekondarja għandha tkun bla problemi u toffri progressjoni b'mod li tappoġġja lill-istudenti biex jidħlu għal aktar responsabbiltà. Hi għandha tikkonsolida u tibni fuq l-esperjenzi ta' tagħlim miksubin tul l-edukazzjoni Primarja u tħejji lil dawk li qed jitgħallmu għall-isfidi usa' li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom meta jgħaddu lil hinn mill-fażi tal-edukazzjoni obbligatorja;

- is-sistema preżenti ta' sentejn fl-ewwel parti taċ-Ċiklu tas-Sekondarja segwita minn tliet snin fit-tieni parti taċ-Ċiklu tas-Sekondarja jinżamm fis-settur Statali, għalkemm skejjel oħra huma liberi li jikkunsidraw alternattivi oħrajn;

- jitqiesu numru ta' mudelli ta' orarji skolastiċi li jagħmlu l-akbar użu possibbli mill-ħin tat-tagħlim, joffru lill-iskejjel miżura ta' flessibbiltà kurrikulari, u jiżguraw ħin regolari għall-komunità professjonali tal-iskola biex tiddiskuti u/jew tindirizza kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iskola u mal-iżvilupp professjonali;

- l-iskejjel jistgħu jikkunsdraw li joffru ilsna barranin oħrajn minbarra l-Għarbi, il-Franċiż, il-ġermaniż, it-Taljan, ir-Russu u l-Ispanjol, jekk dan ikun sostenibbli u vijabbli mil-lat edukattiv. Barra minn hekk, l-iskejjel jistgħu jfasslu programmi kurrikulari għal studenti li jkunu għadhom qed isibu diffikultajiet fil-Malti jew l-Ingliż;

- l-istudenti kollha fis-Seba' u t-Tmien Sena għandhom ikollhom il-*Core Science*. Fid-Disa', l-Għaxar u l-ħdax-il Sena l-istudenti kollha li ma jkunux jixtiequ jispeċjalizzaw fix-xjenza jkomplu bil-*Core Science* li jwassal għall-eżami tas-SEC. L-istudenti li jixtiequ jispeċjaliz-

zaw fix-Xjenza jistgħu jagħżlu tnejn jew tlieta minn dawn: *Life Sciences*, *Physical Sciences* u *Materials Science*;

- l-*Accounts* u l-*Economics* jerġgħu jidħlu mill-ġdid fil-lista ta' suġġetti li studenti jistgħu jagħżlu fl-aħħar tal-Form 2;

- jitwessa' l-ispettru ta' opportunitajiet edukattivi biex jaqdu l-interessi u x-xejriet tal-istudenti kollha li qed jieħdu edukazzjoni obbligatorja permezz taż-żieda ta' erba' oqsma inizjali ta' suġġetti vokazzjonali, jiġifieri *Inġinerija, Ospitalità, IT Practitioner,* u *Kura tas-Saħħa u Soċjali* mal-lista ta' suġġetti li studenti jistgħu jagħżlu fl-aħħar tal-Form 2;

- jiġu pilotati għażliet vokazzjonali inizjali f'numru ta' skejjel Statali u mhux Statali minn Settembru 2011 u l-implimentazzjoni nazzjonali tal-VET inizjali sal-2013;

- tkun adottata attitudni aktar flessibbli lejn l-eżamijiet annwali mis-settur Statali fejn hu stabbilit ma' liema *year groups* l-eżamijiet jibqgħu jsiru b'mod ċentrali. Fil-każ ta' dawk il-gruppi ta' snin li fihom l-eżamijiet ikunu bbażati fil-kulleġġi, l-*Educational Assessment Unit* (EAU) fi ħdan id-DQSE se jagħmel moniteraġġ tal-istandards mal-medda kollha tal-kulleġġi differenti;

- il-politika ta' assessjar tal-kulleġġi tippermetti lill-istudenti li jkunu qed isegwu programmi ta' tagħlim individwali li jkunu evalwati bl-użu ta' forom ta' assessjar alternattivi. Il-politika jeħtieġ ukoll li tieħu f'konsiderazzjoni l-frekwenza, it-tul u l-ħin li jieħu l-assessjar bħal fil-każ ta' eżerċizzi ta' komprensjoni orali u bis-smigħ f'lingwi, ħidma prattika, u tipi oħra ta' xogħol tal-kors. Il-politika tfittex ukoll li ttejjeb il-kwalità ta' forom differenti ta' assessjar u kif dawn huma rrappurtati lill-ġenituri u lil korpi oħrajn involuti bħal bordijiet ta' eżamijiet, u min iħaddem;

- dawk li jfasslu s-sillabu jieħdu f'konsiderazzjoni l-interkonnessjonijiet li jkun hemm fi ħdan kull qasam ta' tagħlim, u l-ħin li tassew huwa disponibbli biex l-istudenti verament jifhmu dak li qed jitgħallmu b'riżultat ta' lezzjonijiet li huma effettivi;

- l-skejjel jiżviluppaw f'siti ta' tagħlim effettiv diversifikat b'mod li dawk li jgħallmu jitgħallmu jikkoordinaw il-possibbiltajiet kollha inerenti fl-NCF biex flimkien mal-istudenti jibnu opportunitajiet ta' tagħlim awtonomu li huma tassew iċċentrat fuq l-istudenti u jindirizzaw ir-realtajiet tagħhom.

## *L-Orarju Skolastiku Propost għaċ-Ċiklu tas-Sekondarja*

Fl-iskejjel sekondarji jeħtieġ li jitqiesu numru ta' kriterji biex ikun żgurat li l-NCF iqiegħed fil-prattika orarju skolastiku li jagħmel l-aħjar użu possibbli mill-ħin tat-tagħlim. Orarju ta' din ix-xorta jeħtieġ li:

- jaħseb għal minimu ta' 38 lezzjoni għal kull ġimgħa ta' ħamest ijiem billi dan hu l-ammont minimu ta' lezzjonijiet meħtieġa biex tkun żgurata aċċessibbiltà għat-tmien oqsma tat-tagħlim;

- jalloka ħin skont l-orarju skolastiku għal *assemblies* ta' kuljum u speċjali, użu ta' *lockers* tal-iskola u ħin tal-Form;

- jkollu waqfa raġonevolment twila f'nofs il-jum biex isaħħaħ il-preżenza tal-isport u attivitajiet ta' tagħlim mhux formali;

- jippermetti li jsiru lezzjonijiet ta' bejn 40 u 45 minuta kull waħda, u preferibbilment ta' mhux inqas minn 42 minuta meta wieħed iqis il-ħin ta' skariġġ bejn lezzjonijiet, biex ikun hemm ħin biżżejjed għal ħin ta' xogħol effettiv fil-klassi;

- jiżgura ħin regolari għall-komunità professjonali tal-iskola biex tiddiskuti u/jew tindirizza kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iskola u mal-iżvilupp professjonali; u

- jkun strutturat fuq il-prinċipju li l-ħin li jkollu l-għalliem ikun dedikat kollu għat-tagħlim proprju jew relatat ma' dmirijiet professjonali u mhux għal superviżjoni – għandu jinħaseb li jkun hemm ħlas ekstra għal din is-superviżjoni.

Bħalissa mhemmx orarju skolastiku wieħed li jissodisfa l-kriterji kollha msemmija hawn fuq. Filwaqt li d-diversità attwali fis-setturi u bejn is-setturi tal-Istat, tal-Knisja u dawk Indipendenti jeħtieġ li tkun irrispettata, f'dan id-dokument qed ikunu proposti orarji differenti f'tentattiv li jkunu indirizzati diversi prijoritajiet u realtajiet. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull wieħed mill-mudelli proposti huma ppreżentati għal skopijiet ta' diskussjoni.

# Dokument 4:
# L-NCF – It-Triq 'il Quddiem

## Il-Konsultazzjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali

L-għan ewlieni fl-abbozzar ta' dawn id-dokumenti kien dak li ridna niżguraw li l-NCF u l-proposti maħsubin biex jolqtu kull stadju tal-edukazzjoni tal-istudenti jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom filwaqt li jħejjuhom biex jilqgħu l-isfidi li jqumu wara l-età tal-iskola obbligatorja, fl-edukazzjoni ogħla li tinkludi dik post-sekondarja u terzjarja, u fis-sehem ċiviku fi ħdan il-komunità. L-isfidi quddiemna jeħtieġu l-isforz kollettiv u l-kollaborazzjoni u parteċipazzjoni ta' dawk kollha involuti jekk il-proposti tal-NCF iridu jkunu aċċettati, mifhuma u implimentati b'suċċess.

Dokument 4 jiġbor fil-qosor ir-rakkomandazzjonijiet li qed ikunu proposti mill-NCF u jeżamina l-implikazzjonijiet ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Hu aċċettat li strateġija li tagħmel sens għall- implimentazzjoni tal-NCF tista' tkun żviluppata biss wara li r-rakkomandazzjonijiet ikunu ġew diskussi u l-impatt sħiħ tal-implikazzjonijiet tagħhom mifhum. Biex naslu għal dan bħala komunità li tirrifletti li qed titgħallem flimkien, il-proċess ta' konsultazzjoni jeħtieġ li jinkludi lil dawk kollha involuti f'dibattitu professjonali. Barra minn dan, l-istrateġiji ta' konsultazzjoni u implimentazzjoni jeħtieġ ikunu msejsa fuq fehim sħiħ ta' proċess ta' mmaniġġjar tal-bidla.

Il-proċess ta' konsultazzjoni jinqasam fi tliet fażijiet:

**Fażi 1: Ir-riflessjoni *għal* azzjoni minn Mejju 2011 sa Awissu 2011**

Din il-fażi għandha sservi biex tippreżenta l-NCF u tħejji lid-diversi persuni jew korpi involuti fil-proċess ta' konsultazzjoni. Barra minn dan, din il-fażi tippermetti li l-parteċipanti kollha jkollhom ħin biżżejjed biex jaqraw id-dokumenti u jqisu b'ċertu dettall il-kontenut u l-implikazzjonijiet tagħhom.

**Fażi 2: Ir-riflessjoni *f'*azzjoni minn Settembru 2011 sa Novembru 2011**

Din il-fażi għandha tagħti lil dawk involuti l-opportunitajiet li jaqsmu flimkien u jikkonsolidaw l-ideat tagħhom fi ħdan il-medda kollha ta' istituzzjonijiet differenti. L-għan ta' din il-fażi hu li dawk involuti jkunu mistiedna u inkoraġġuti biex jipparteċipaw attivament fil-ġenerazzjoni ta' diskussjoni u dibattitu professjonali riflessiv u nazzjonali dwar il-proposti tal-NCF u hekk jinbeda proċess ta' qsim ta' reazzjonijet kritiċi u kostruttivi bi preparazzjoni għall-verżjoni aħħarija tal-NCF.

**Fażi 3: Ir-riflessjoni *fuq* azzjoni minn Novembru 2011 sa Diċembru 2011**

Din il-fażi għandha tiġbor flimkien lil dawk kollha involuti u lir-reazzjonijiet offruti mid-diversi istituzzjonijiet bil-għan li jkunu diskussi suġġerimenti minn perspettivi differenti.

Wara li l-NCF propost ikun ġie mifli fid-dawl tar-reazzjonijiet li jkunu daħlu, id-dokument aħħari tal-NCF ikun ippreżentat lill-Ministru għall-approvazjoni tal-Kabinett/Parlament.

L-iskop maġġuri ta' dan l-abbozz tal-NCF hu li jniedi l-proċess tar-reviżjoni u l-aġġornar tal-kurrikulu. Fl-aħħar mill-aħħar, is-suċċess jew nuqqas ta' suċċess tal-proċess ikun determinat minn kemm ikun kbir l-impenn kontinwu ta' dawk kollha involuti fl-isforzi bla waqfien tagħhom biex jiżguraw li l-proposti jistgħu jkunu tradotti fi prattiki ta' kuljum fil-klassijiet. Min-naħa tagħhom dawn iħallu impatt fuq il-kwalità tal-esperjenzi edukattivi pprovduti fl-iskejjel u fuq ir-rilevanza ta' dawn il-prattiki għal dawk li jkunu jitgħallmu, li toħroġ mill-kisbiet immedjati jew fit-tul fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja.